**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum l-1 ta' Dicembru 2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Supretendent Trevor Micallef)**

**kontra**

**RODERICK GRECH**
**(ID No: 554285(M))**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Roderick Grech**, iben Grazio u Antonia nee` Mifsud, imwieled il-Pieta` nhar l- 10 ta` Novembru 1985, residenti fi15, Misrah il-Bjar, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 554285(M) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l- 01 ta' Dicembru 2021 ghal habta tan-nofs siegha ta` filghodu kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b`digriet datat 05 ta' April 2021 mill-Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet.

Rat l-atti tal-kawza,

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, liema ammissjoni huwa reggha kkonferma wara li nghata zmien adegwat sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward il-piena;
**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi;

Illi fir-rigward tal-piena dina l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu kif ukoll in-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali ai fini ta' helsien mill-arrest. Il-Qorti qieset ukoll li l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri odjerni.

**Decide:**

Fuq ammissjoni, wawra li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, qed issib lill-imputat **hati** tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal multa ta' Euro700 kif ukoll qeghda tordna l-konfiska ta' Euro100 mid-depozitu ddepozitat fir-Registru tal-Qorti bhala garanzija ai fini tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti Kriminali hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Giovanni Grixti ta' nhar il-5 ta' April 2021.

DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.
MAGISTRAT

Christine Farrugia
Deputat Registratur